BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghall-Erbgha-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Dicembru 2008, fil-5:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 33**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 26**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**
6 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

NB: Wara l-laqgha ser ikun hemm *drinks* ghall-okkazzjoni tal-Milied u s-Sena l-Gdida.

BIRKIRKARA

Minuti ta' l-Erbgha-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 22 ta' Dicembru 2008 mill-5:18p.m. sal-5:35pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Is-Sinjura Doris Borg --- Assenti **imma Skuzata** |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri – Assenti **imma Skuzata** |
| | Is-Sinjura Joanne Borg – Assenti imma Skuzata |
| | Is-Sur Michael Camilleri – Assenti imma Skuzat |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt u s-Sur Sergio Carbonaro dahlu fil-5:20pm u l-5:22pm rispettivament. **Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Charlene Camilleri, Joanne Borg, u Michael Camilleri kienu assenti imma skuzati**. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 33**

Il-Minuti tat-Tlieta-u -Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Dr. George Debattista talab korrezzjoni f'paragrafu 7d fejn hu sostna li dakinhar hu kien ivvota kontra u mhux favur. Hawnhekk qam dizgwid **fejn fuq suggeriment tas-Sur Anthony Buttigieg** is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ssekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issuggerixxa illi l-minuti tat-33 laqgha tal-Kunsill Lokali ghandhom jigu approvati fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Dan biex is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jergghu' jinsimghu r-*recording* tal-laqgha numru 33 halli jigi kjarifikat dak li sostna Dr. George Debattista. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

Hawnhekk dahlet fil-kamra l-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-hin kien il-5:20pm

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

Hawnhekk dahal fil-kamra l-Kunsillier s-Sur Sergio Carbonaro Il-hin kien il-5:22pm

3.1 Il-Kunsillier Dr. George Debattista staqsa meta kienu ser jigu pprezentati dak li ntalab f'*items* 3.2, u 7d (rapport tal-perit). Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li r-rapporti mitluba ser jigu pprezentati fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

**4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 26**

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 26 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Dr. George Debattista staqsa dwar *items* 5, 57, u 85. Dwar items bin-numru 5 u 85 is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li qabel sar ix-xoghol imsemmi hu kien gabar il-kwotazzjonijiet mehtiega. Fuq talba ta' l-istess Dr. Debattista, is-Sindku qal li kopja tal-kwotazzjonijiet kien ser iressaqhom fil-laqgha li jmiss. Dwar item bin-numru 57 is-Sindku qal li hu kien ser jipprezenta rendikot dettaljat tal-hlasijiet kollha li saru lil John G. Cassar Ltd nkonnessjoni ma din l-*item*. Dan kif diga' kienu gew ipprezentati u approvati mill-Kunsill. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 26 giet approvata unanimament

**5 Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**

Il-lista tal-Flus Kontanti tal-perjodu mill-24/10/08 sa 24/11/08 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata unanimament.

**6 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien il-5 :35pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**